

## RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-twegġibiet tal-Uffiċċju

(2012/C 388/32)

## INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju"), li jinsab fl-Aja, inholog bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 (2009/371/ĠAI) <sup>(1)</sup>. L-għan tal-Uffiċċju hu li jappoġġa u jsahha l-azzjoni li tittieħed mill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħra ta' infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni reċiproka biex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u forom ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni <sup>(2)</sup>.

## INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Uffiċċju. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn huwa relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

## ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(3)</sup> tal-Uffiċċju, li jikkonsistu fir-"rapporti finanzjarji" <sup>(4)</sup> u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" <sup>(5)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

## Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Uffiċċju, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati <sup>(6)</sup>. Id-Direttur huwa responsabbli milli

jistabbilixxi <sup>(7)</sup> l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni rilevanti għat-thejjja ta' kontijiet finali <sup>(8)</sup> li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

## Ir-responsabbiltà tal-Awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(9)</sup> abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Uffiċċju u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rewiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni rilevanti għat-thejjja u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

<sup>(2)</sup> L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Uffiċċju. Huwa jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(3)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

<sup>(4)</sup> Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(5)</sup> Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>(6)</sup> L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>(8)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 u 2 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23), u huma integrati hekk fir-Regolament Finanzjarju tal-Uffiċċju.

<sup>(9)</sup> L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni imniżżlin hawn taħt.

#### **Opinjoni kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Uffiċċju (10) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus (likwidità) tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni (11).

#### **Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

#### **KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA**

12. Fl-2010, iktar minn EUR 1,6 miljun kellhom jiġu kkanċellati u fl-2011, EUR 1,9 miljun (9 % tal-appropriazzjonijiet li ġew riportati mill-2010) ġew ikkanċellati. Bħal kif ġara fl-2010, ir-riporti ta' appropriazzjonijiet ta' impenn wkoll kienu għoljin fl-2011, b'EUR 4,2 miljun (41 %) għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) u EUR 10,6 miljun (46 %) għat-Titolu III (nefqa operazzjonali). Ir-riport għoli u r-rati ta' kanċellazzjoni kif ukoll l-għadd għoli ta' 11-il trasferiment tal-baġit li saru fl-2011 jindikaw diffikultajiet fl-ippjanar u/jew fl-implimentazzjoni tal-attivajiet tal-Uffiċċju.

13. Il-livell ta' pagamenti għall-impenji kien baxx, b'34 % għat-Titolu II u 45 % għat-Titolu III u jmur kontra l-prinċipju baġitarju ta' annwalità.

(10) Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fl-10 ta' Lulju 2012 u rċevuti mill-Qorti fit-12 ta' Lulju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara. Dawn jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew <http://www.europol.europa.eu/>.

(11) Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

#### **KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SORVELJANZA U KONTROLL TAL-UFFIĊĠJU**

14. Il-proċeduri li jikkonċernaw l-istabbiliment, l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' eċċezzjonijiet u devjazzjonijiet minn politiki u proċeduri ma ġewx adottati. Ġew irreġistrati eċċezzjonijiet u devjazzjonijiet għal 7 % tal-pagamenti tal-2011.

15. Is-sistema ta' kontabilità għadha ma ġietx għal kollox ivalidata mill-Uffiċjal tal-Kontabilità. Proċessi ewlenin bħall-għeluq tal-aħħar tas-sena u l-istabbiliment tad-drittijiet finanzjarji tal-persunal għadhom mhumiex koperti.

16. Instabu dgħufijiet fir-rigward tal-verifika fiżika u r-reġistrazzjoni tal-attivi qabel u wara ċ-ċaqliq lejn il-kwartieri l-ġodda. Barra minn hekk, il-kuntratti ta' assigurazzjoni ma jirriflettux il-valur tal-attivi tal-Uffiċċju. Billi, qabel sar iċ-ċaqliq, l-attivi netti kienu assigurati b'mod eċċessiv b'madwar EUR 17-il miljun, bħalissa huma assigurati b'mod insuffiċjenti b'madwar EUR 21 miljun.

17. Hemm lok għal titjib konsiderevoli fit-tħejija, l-eżekuzzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist.

#### **KUMMENTI OĦRA**

18. Ir-Regolament Finanzjarju tal-Uffiċċju jirreferi għal regoli u proċeduri dettaljati stipulati fir-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu. Madankollu, dawn għadhom ma ġewx adottati.

19. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt bejn l-Uffiċċju u l-pajjiż ospitanti dwar l-użu tal-kwartieri l-ġodda ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni dwar l-ispejjeż għall-manutenzjoni (12). Madankollu, l-Anness IV tal-kera jstipula li l-Uffiċċju se jkollu jneħħi għadd sinifikanti ta' oġġetti meta jagħlaq il-kuntratt. M'hemm stima tal-ispiża relatata u ma ġie rreġistrat l-ebda provvediment għal dan fil-kontijiet.

20. Hemm lok għal titjib konsiderevoli fit-trasparenza tal-proċeduri tar-reklutaġġ: il-mistoqsijiet għal testijiet bil-kitba u intervisti ġew iffissati wara li l-applikazzjonijiet kienu ġew eżaminati mill-bord tal-għażla; il-marki minimi biex wieħed jiġi ammess għat-test tal-kitba u l-intervisti u biex jiġi inkluż fil-lista ta' kandidati xierqa ma ġewx iffissati; il-bordijiet tal-għażla ma żammewx noti bil-kitba tal-laqqha u tad-deċiżjonijiet kollha tagħhom.

21. Skont ir-Regoli tal-Persunal tal-UE, jista' jsir trasferiment, ta' mhux iktar minn 12-il jum liv annwali li ma jkunx ittieħed, għas-sena ta' wara. Jista' jsir trasferiment ta' iktar jiem f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Madankollu, l-Uffiċċju aċċetta trasferimenti ta' iktar minn 12-il jum għal bejn wieħed u ieħor 25 % tal-impjegati tiegħu li huma madwar 500.

(12) L-ispiża biex wieħed ireġġa' lura l-bini fl-istat inizjali meta jagħlaq il-kuntratt tal-kera.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta' Settembru 2012.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

---

## ANNEX

## L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (L-Aja)

## Il-kompetenzi u l-attivitajiet

<p><b>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li ġejjin mit-Trattat</b></p> <p>(L-Artikoli 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>“Il-missjoni tal-Europol għandha tkun li tappoġġa u ssaħħaħ azzjoni tal-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri kif ukoll il-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li toqot lil żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni”.</p>
<p><b>Il-kompetenzi tal-Uffiċċju</b></p> <p><i>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (2009/371/DKE)</i></p>	<p><b>Il-kompetenza</b></p> <p>Il-kompetenza tal-Uffiċċju għandha tkopri l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja, li jolqtu żewġ Stati Membri jew aktar b'tali mod li jkun meħtieġ approċċ komuni mill-Istati Membri minħabba l-iskala, l-importanza u l-konsegwenzi tar-reati.</p> <p>Il-kompetenza tal-Europol għandha tkopri wkoll reati kriminali relatati kif imfissra fl-Artikolu 4(3) DKE.</p> <p><b>Il-kompiti prinċipali</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— jiġbor, jikkonserva, jipproċessa, janalizza u jiskambja informazzjoni u intelligence;</li> <li>— jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mingħajr dewmien permezz tal-unità nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 b'informazzjoni li tikkonċernahom u b'kull konnessjoni identifikata bejn reati kriminali;</li> <li>— jgħin fl-investigazzjonijiet fl-Istati Membri, b'mod partikolari billi jgħaddi l-informazzjoni rilevanti kollha lill-unitajiet nazzjonali;</li> <li>— jitlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati jniedu, iwettqu jew jikkoordinaw investigazzjonijiet u jissuġġerixxi l-ħolqien ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti f'każijiet speċifiċi;</li> <li>— jipprovdi intelligence u appoġġ analitiku lill-Istati Membri f'konnessjoni ma' avvenimenti internazzjonali maġġuri;</li> <li>— iħejji stimi ta' theddid, analiżi (analiżijiet) strateġiċi u rapporti ġenerali ta' sitwazzjoni relatati mal-oġettiv tiegħu, inklużi stimi ta' theddid ta' kriminalità organizzata.</li> <li>— jagħti appoġġ lill-Istati Membri fil-kompiti tagħhom ta' ġbir u analiżi ta' informazzjoni mill-Internet biex tingħata assistenza fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet kriminali li jiġu ffaċilitati jew imwettqa permezz tal-Internet.</li> </ul> <p><b>Il-kompiti addizzjonali</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— jiżviluppa konoxxenza speċjalizzata tal-proċeduri investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u jipprovdi parir dwar l-investigazzjonijiet;</li> <li>— jipprovdi intelligence strateġika li tassisti u tippromwovi l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għal attivitajiet operattivi u appoġġ għal tali attivitajiet.</li> </ul> <p><b>Addizzjonalment, jassisti lill-Istati Membri permezz ta' appoġġ, pariri u riċerka fl-oqsma li ġejjin</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— it-taħriġ ta' membri tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija;</li> <li>— l-organizzazzjoni u t-taġġmir ta' dawk l-awtoritajiet billi jiġi ffaċilitat il-forniment ta' appoġġ tekniku bejn l-Istati Membri;</li> </ul>

	<p>— metodi ta' prevenzjoni tal-kriminalità;</p> <p>— metodi u analiżi tekniċi u forensiċi, u proċeduri investigattivi.</p> <p>U l-Europol għandu jaġixxi wkoll bħala l-<b>Uffiċċju Ċentrali għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro</b> skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/511/ĠAI tat-12 ta' Lulju 2005 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni.</p> <p>L-Europol għandu jipproċessa u jittrasferixxi <i>data</i> ta' messaġġi finanzjarji skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' <i>Data</i> dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti għall-finijiet tal-<b>"Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu"</b>.</p> <p>U l-Europol għandu jkompli bl-isforzi sabiex jistabbilixxi l-<b>Uffiċċju ta' Informazzjoni ta' Prüm</b> sabiex jappoġġa l-applikazzjoni ta' kuljum tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm".</p>
<p><b>It-tmexxija</b></p>	<p><b>Il-bord ta' amministrazzjoni</b></p> <p>Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u minn rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni.</p> <p><b>Id-direttur</b></p> <p>— Maħtur mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, minn lista ta' mill-anqas tliet kandidati ppreżentati mill-Bord ta' Amministrazzjoni, għal perjodu ta' erba' snin (il-mandat jista' jiġi estiż għal darba u għal mhux aktar minn erba' snin);</p> <p>— Assisit minn tliet Vċi Diretturi maħturin għal perjodu ta' erba' snin li jista' jiġġedded darba;</p> <p>— Imexxi l-Europol u jaġhti kont lill-Bord ta' Amministrazzjoni fir-rigward tat-twettiq tad-doveri tiegħu.</p> <p>— Hu r-rappreżentant legali tal-Europol.</p> <p><b>Il-verifika esterna</b></p> <p>— Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).</p> <p>— Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS).</p> <p>— L-Awtorità ta' Kontroll Komuni (JSB);</p> <p>— Minbarra dan: l-Uffiċċju tal-Awditjar Intern (IAF) u l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-<i>Data</i> (UPD) – funzjonalment indipendenti, assoċjati mal-organizzazzjoni diretta (stabbiliti abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol).</p> <p><b>L-awtorità ta' kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament Ewropew, meta jieħu kont ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġornaza kwalifikata.</p>
<p><b>Ir-riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2011 (2010)</b></p>	<p><b>Il-baġit finali 2011</b></p> <p>EUR 84,8 (92,8) miljun</p> <p><b>It-tabella tal-persunal għall-2011</b></p> <p>— 457 (453) persunal temporanju</p> <p>— 25 (25) espert nazzjonali ssekondat</p> <p>— 73 (78) persunal kuntrattwali</p>

**Il-Prodotti u s-servizzi fl-2011 (2010)****L-Europol bħala ċ-ċentru prinċipali ta' appoġġ tal-UE għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi**

Ir-Reġistri ta' Ħidma ta' Analiżi, ir-rapporti ta' analiżi operazzjonali u rappurtar ieħor, l-appoġġ operazzjonali fuq il-post u mill-kwartieri ġenerali, l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti

- L-Europol appoġġa l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-UE fi 13 697 każ transkonfinali, żieda ta' 17 % fuq l-2010. 21 % minn dawn il-każijiet transkonfinali kienu relatati ma' droga.
- L-Europol beda jew appoġġa b'mod attiv 694 investigazzjoni fl-Istati Membri b'appoġġ analitiku u operazzjonali approfondit, li l-biċċa l-kbira tagħhom għadhom għaddejnin. L-operazzjonijiet iffukati fuq l-oqsma tal-kannabis, l-immigrazzjoni illegali ffaċilitata, u d-drogi sintetiċi u t-traffikar tal-bnedmin kienu ta' spiss l-iktar appoġġati mill-Europol.
- L-Europol ipproduċa 984 rapport dwar il-komparabbiltà reċiproka u 340 rapport ta' analiżi operazzjonali.
- L-investigatur(i) ewlenin tal-operazzjonijiet fl-Istati Membri u l-esperti tal-Istati Membri esprimew livell għoli ta' sodisfazzjon għall-analiżi u l-appoġġ operazzjonali mogħti mill-Europol.
- Kien hemm żieda sostanzjali fl-ammont ta' appoġġ operazzjonali li nġhata lill-Istati Membri li jikkonfermaw ix-xejra evidenti fis-snin ta' qabel għal iktar talbiet għas-servizzi kollha tal-Europol. L-Europol kompli jagħti appoġġ finanzjarju għall-attenzenza operazzjonali waqt il-laqgħat u jappoġġa l-investigazzjonijiet dwar il-falsifikazzjoni tal-euro.
- L-Europol wettaq ammont sostanzjali ta' xogħol sabiex tiżviluppa l-Kunċett Ġdid (NAC) tar-Reġistru Ġdid ta' Ħidma ta' Analiżi (AWF) li għandu jirriżulta f'bosta benefiċċji importanti għall-Istati Membri inkluż rispons iktar mgħaġġel għat-talbiet tal-Istati Membri.
- L-Europol appoġġa 17-il Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta fl-2011 bħala membru sħiħ.
- L-Europol stabbilixxa Ċentru Operazzjonali mtejjeb li jippermetti koordinazzjoni msaħħa tal-informazzjoni kollha li tidħol, mogħdija ċentralizzata tal-informazzjoni operazzjonali, tal-funzjoni tal-maniġment u tal-koordinazzjoni u ta' funzjoni ta' prijoritizzazzjoni operazzjonali.
- L-Europol jappoġġa b'mod intensiv l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' Ċiklu tal-Politika tal-UE 2011-2013 li hu msejjes fuq l-OCTA 2011. Ġew organizzati bosta laqgħat ta' ħidma fil-Europol sabiex jiġu elaborati l-miri strateġiċi għal kull waħda mit-tmien prijoritajiet għall-ġlieda kontra l-kriminalità u sabiex jiġu konvertiti dawn il-miri strateġiċi fi pjanijiet annwali ta' azzjoni operazzjonali msejsa fuq il-mudell żviluppat mill-Europol.
- Unità dedikata fi ħdan l-Europol komplet taqdi r-rwol tal-Europol fil-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP) u pproċessat it-talbiet kollha u l-għotjiet ta' informazzjoni relatati mal-Amerika. L-Europol beda wkoll kampanja ta' għarfien dwar it-TFTP għall-prattikanti fl-awtoritajiet kompetenti, il-prosekuturi, eċċ. u fil-laqgħat ta' esperti fi Brussell fejn ġiet diskussa s-sistema tal-UE ekwivalenti mat-TFTP tal-Amerika.

**Il-kapaċità ta' analiżi strateġika**

Ir-rapporti ta' analiżi strateġiċi (Valutazzjonijiet ta' Theddid, Rapport dwar is-Sitwazzjoni u Notifiki dwar l-Intelligence)

- Valutazzjonijiet ta' Theddid: Frodi fuq il-karti tal-kreditu, Traffikar tal-bnedmin, Paragun bejn il-prijoritajiet u l-metodi tal-UE u tal-Amerika fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali, Valutazzjoni tat-Theddid ta' Kriminalità Organizzata (OCTA), Kriminalità organizzata fir-reġjun tad-Danubju, Avvenimenti internazzjonali maġġuri tal-isport (il-logħob tal-futbol tal-Eurocup fil-Polonja u l-Ukraina), Liberalizzazzjoni tal-Viża għall-Ukraina: impatt tas-sigurtà fuq l-UE, Liberalizzazzjoni tal-Viża għall-Moldova: impatt tas-sigurtà fuq l-UE.



- Rapporti tas-Sitwazzjoni: Rapport konġunt (Frontex, Olaf, Taxud, il-Kummissjoni Ewropea) dwar il-kriminalità organizzata fil-fruntieri tal-UE, Avvenimenti nukleari u radjuattivi, Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT).
- Notifiki tat-Theddid OC-SCAN: Traffikar fi speċi fil-periklu mill-Gruppi tal-Kriminalità Organizzata (OCGs); Involvement ta' OCG mobbli fin-negozju illegali tal-grun tar-rinoċeronte; traffikar u rimi illegali ta' skart, tkabbir fin-negozju tal-falsifikazzjoni u pestiċidi oħra illegali madwar l-Ewropa.
- Prodotti ta' Għarfien: Il-kontribut tal-Europol għall-Manwal għall-Missjonijiet PSDK, Skeda Informattiva u Profil tar-Riskju għal Operazzjoni Konġunta tal-Pulizija 'Eurocar'.

#### L-Europol bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-UE

(Il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-informazzjoni, l-Applikazzjoni ta' Network Sikur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (SIENA), is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS), in-Netwerk tal-Uffiċċji ta' Kollegament)

- B'kollox waslu 222 135 messaġġ SIENA għand l-Europol, l-Istati Membri u l-imsieħba esterni fl-2011. Din tirrifletti żieda ta' 34 % meta mqabbel mal-2010.
- Sa tmiem l-2011, 15-il uffiċċju nazzjonali tal-Istati Membri għall-Irkupru tal-attivi ġew ikolleġati ma' SIENA. Il-proġett se jibqa' għaddej fl-2012.
- Fi tmiem l-2011, tlettax-il Stat Membru kienu qed jużaw lowders awtomatiċi tad-data sabiex jippermettu d-dħul awtomatiku tad-data fl-EIS. Il-proġett se jibqa' għaddej fl-2012.
- Il-kontenut tal-EIS laħaq il-200 000 oġġett fit-28 ta' Ottubru 2011.
- Ix-xogħol kompli jtejjeb il-kapaċitajiet federali ta' tiftix fl-applikazzjonijiet kollha tal-Europol.
- Il-Links Manager tal-Europol (ELM) beda jopera fi tmiem Ottubru 2011. Il-funzjoni l-ġdida tippermetti kontro-verifikazzjoni awtomatika tal-AWFs, repożitorju 10.4, l-EIS u l-ERES.
- L-uffiċċjali ta' kollegament tal-Europol jiżguraw konnessjoni attiva bejn il-kwartieri ġenerali tal-Europol fl-Aja u s-27 Unità Nazzjonali tal-Europol fl-ibliet kapitali nazzjonali tal-Istati Membri. Dan huwa netwerk uniku ta' 145 uffiċjal ta' kollegament li għandu rwol importanti fl-attivitajiet ta' kuljum tal-infurzar tal-liġi billi jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll jipprovidi appoġġ u koordinazzjoni għall-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin. L-Europol jospita wkoll uffiċċjali ta' kollegament minn 10 pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet li jaħdmu flimkien mal-Europol fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Dan in-Netwerk ta' Uffiċċji ta' Kollegament huwa appoġġat permezz ta' mezzi sikuri ta' komunikazzjoni pprovduti mill-Europol. Barra minn hekk, l-Europol issekonda żewġ uffiċċjali ta' kollegament għal Washington (l-Istati Uniti) u wieħed għall-kwartieri ġenerali tal-Interpol f'Lyon (Franza).

#### L-Europol bħala ċ-ċentru tal-UE għall-għarfien espert tal-infurzar tal-liġi

Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE), Pjattaformi għall-iskambju ta' data u soluzzjonijiet ta' ħażna, Prodotti u servizzi ta' għarfien, Taħriġ, Konferenzi u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni

- Inħolqu dsatax-il pjattaforma fuq il-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti li l-għadd ta' kontijiet u ta' utenti attivi tagħhom qeġhdin jiżdiedu kontinwament.
- Fir-rigward taċ-ċiberkriminalità, l-Europol ħa passi sabiex jikkonsolida l-għarfien espert operazzjonali u strateġiku tiegħu f'oqsma ta' ħidma ewlenin relatati mal-kriminalità onlajn, inklużi l-intrużjoni u s-serq tal-identità, l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-frodi bl-użu tal-kummerċjalizzazzjoni tal-massa, frodi tal-kards tal-ħlas u serq ta' proprjetà intellettwali. Sar titjib fl-infrastruttura u l-mezzi taċ-ċentru taċ-ċiberkriminalità. L-Europol kompli jibni fuq is-shubbijiet eżistenti ma' korpi oħra taċ-ċibersigurtà fl-UE bħall-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA), l-Eurojust, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), sabiex tiżgura li l-UE tipprovidi rispons kollettiv għat-theddida taċ-ċiberkriminalità li dejjem qed tkompli tevolvi.

— Il-Kummissjoni Ewropea/OLAF, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Europol organizzaw konġuntament it-tieni Konferenza Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Euro kontra l-falsifikazzjoni (il-Konferenza Euro 2011) fil-kwartieri l-ġodda tal-Europol fl-Aja li saret bejn it-23 u l-25 ta' Novembru 2011.

— L-Europol appoġġa s-CEPOL fl-iżvilupp u l-preżentazzjoni ta' pakketti ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Mudelli ta' Intelligence Nazzjonali. Fl-2011 il-Europol ipparteċipa f'seminar ta' ġimgħa fis-CEPOL li sar sabiex isir l-ippjanar tal-pakketti ta' taħriġ.

#### **Ir-relazzjonijiet esterni**

(Relazzjonijiet mal-imsieħba tal-kooperazzjoni)

— L-Europol jikkoopera ma' għadd ta' msieħba fl-UE, u ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet. L-iskambju ta' informazzjoni ma' dawn l-imsieħba jseħħ fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Ftehimiet strateġiċi jippermettu liż-żewġ partijiet involuti jiskambjaw l-informazzjoni kollha għajr id-*data* personali.

— L-Europol bħalissa jikkoopera ma' 18-il pajjiż mhux tal-UE, 9 korpi u aġenziji tal-UE u 3 organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inkluż l-Interpol, li huwa involut f'ħafna aspetti tal-ħidma operazzjonali tal-Europol.

— F'Ottubru 2011, l-Interpol <sup>(1)</sup> u l-Europol approvaw pjan ta' azzjoni operazzjonali kollaborattiv fl-oqsma ewlenin tas-sigurtà.

— Fi tmien l-2011, erba' msieħba ta' kooperazzjoni operazzjonali kienu qed jużaw aċċess dirett mas-SIENA. Il-proġett se jibqa' għaddej fl-2012.

— Il-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (HENUs) tal-Istati Membri kollha tal-UE, inklużi osservaturi mill-imsieħba tal-kooperazzjoni (bħall-Eurojust u l-Interpol) u l-Kummissjoni, jiltaqgħu regolament sabiex jgħinu lill-Europol rigward kwistjonijiet operazzjonali u sabiex jipprovdu appoġġ fl-istabbiliment ta' Skwadri Konġunti ta' Investigazzjoni li jinvolvu l-Europol.

<sup>(1)</sup> L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (ICPO)

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju



**IT-TWEĠBIET TAL-EUROPOL**

12. Ġie trasferit ammont ta' EUR 22,6 miljun mill-2010 sal-2011. L-Europol iqis it-trasferimenti li tnaqqsu b'EUR 15-il miljun mal-baġit bħala titjib konsiderevoli.

Ċirkostanzi speċjali matul l-2011 żammew l-implimentazzjoni tal-baġit, bħad-dewmien fiċ-ċaqliq (3 xhur) lejn il-bini l-ġdid. L-2011, it-tieni sena li fiha l-Europol qed topera finazjarjament bħala aġenzija tal-UE, iddedikat azzjonijiet addizzjonali li ttieħdu biex ikomplu jiġu allinjati l-attivitajiet mal-prinċipju tal-annwalità tal-baġit. Verifika mis-Servizz tal-Verifika Interna (IAS) tal-Kummissjoni Ewropea li twettqet fl-2011 dwar il-proċess tal-ippjanar u tal-baġit, ikkonfermat żviluppi pożittivi f'dan ir-rigward.

13. Issir referenza għat-tweġiba tal-Europol taħt il-partita 1 2.

14. Ġew irreġistrati eċċezzjonijiet fil-qasam tar-reklutaġġ, l-attivitajiet tal-akkwist u t-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha. L-Europol żviluppa Qafas ta' Proċess tiegħu stess li huwa bbażat fuq u standards u normi applikabbli u jirrikonoxxihom. Minkejja dan, l-Europol jirrikonoxxi l-kumment tal-QEA u se jkompli jissimplifika l-ġestjoni u r-reġistrazzjoni ta' eċċezzjonijiet għal proċessi (finanzjarji) biex jikkonforma b'mod sħiħ mal-osservazzjonijiet li saru mill-QEA.

15. Ġew invalidati proċessi ewlenin li jikkontribwixxu għas-sistema tal-kontabilità tal-Europol, inkluż l-impenn tal-baġit kif ukoll il-proċessi tal-pagamenti li jkopru wkoll in-nefqa tas-salarju. Madankollu l-Europol jirrikonoxxi l-kumment tal-QEA u se jespandi l-attivitajiet ta' validazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

16. Saru sforzi konsiderevoli biex jiġi kkonfermat il-post fiżiku tal-attivi kkonċernati għall-kontijiet finali.

Hekk kif ġie magħruf il-valur finali tal-attivi ttrasferit mill-Pajjiż Ospitanti, ġew aġġornati politiki kkonċernati ta' assigurazzjoni.

Hekk kif issa ġie konkluż il-proċess tat-trasferiment tal-attivi mill-Pajjiż Ospitanti, l-Europol se jwettaq verifika fiżika sħiħa oħra tal-attivi u se jaġixxi skont ir-riżultati skont il-prijorità.

17. L-Europol jirrikonoxxi l-ħtieġa għal titjib tat-tħejija u l-eżekuzzjoni tal-proċeduri ta' akkwist, inkluża d-dokumentazzjoni ta' bażi. Minbarra l-irfinar fil-proċess, se jiġu meqjusa bidliet ta' sostenn fl-organizzazzjoni għall-implimentazzjoni sal-aħħar tal-2012.

18. L-Europol se jħejji u jadotta regoli implimentattivi għar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Europol, wara l-adozzjoni tar-Regolament Finanzjarju Qafas il-ġdid fil-livell tal-UE. Id-dispożizzjonijiet kurrenti ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju Qafas tal-UE jiġu applikati permezz ta' analoġija fi ħdan l-Europol.

19. L-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-bini l-ġdid tal-Europol u s-sit ta' rkupru ta' diżastru estern ġew riflessi bħala obligazzjonijiet kontinġenti fil-kontijiet annwali finali tal-2011. L-Europol se jfittex riassigurazzjoni indipendenti dwar l-ispejjeż stmati, billi jqis l-ispejjeż li se timplika din ir-reviżjoni.

20. L-Europol iqis li l-kunfidenzjalità tal-għażla tat-testi hija ta' importanza kbira. L-aċċess għall-materjal tat-test huwa restritt.

Il-limiti stabbiliti għall-ammissjoni għat-testijiet u l-intervisti ġew introdotti minn Lulju 2012 'il quddiem.

L-Europol huwa tal-opinjoni li s-sejbiet ewlenin kollha tal-kumitati tal-għażla relevanti għan-nomini jkunu dokumentati b'mod xieraq. Minkejja dan, l-Europol se jkompli jieħu azzjoni biex jidentifika l-irfinar addizzjonali kif enfasizzat mill-QEA.

21. L-Europol jindirizza l-kumment tal-QEA fil-kuntest ta' sorveljanza ta' prestazzjoni relatata mar-riżorsi umani.